# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 434/2022/2 AB**

**Emanuel Psaila, Maria Grazia Psaila u Victor Psaila**

**v.**

**Roderick Psaila**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-atturi Emanuel, Maria Grazia u Victor Psaila minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Ottubru, 2023, fejn iddikjarat li għall-għanijiet ta' komputazzjoni tas-sehem riżervat, il-ġid immobbli li ġie mogħti b'donazzjoni mit-testaturi tul ħajjithom għandu jiġi stmat bil-valur tiegħu

kif kien dakinhar li sar il-kuntratt ta' donazzjoni fl-4 ta' Ġunju, 2015.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Mejju, 2022, l-atturi fissru li huma u l-konvenut Roderick Psaila huma fost is-sitt ulied li kellhom Carmelo u Margherita miżżewġin Psaila. Jgħidu li Carmelo Psaila miet fil-21 ta' Lulju, 2017, filwaqt li Margherita Psaila mietet fis-6 ta' Marzu, 2021.

3. Isostnu li s-suċċessjoni ta' Carmelo u Margherita miżżewġin Psaila hija regolata bit-testment *unica charta* magħmul fit-2 ta' Frar, 2013, li ġie emendat fit-28 ta' Frar, 2017. Minn dan it-testment kif emendat jirriżulta: (i) li tnejn minn uliedhom, Paul u Jesmond Psaila ġew diżeredati u għalhekk maqtugħa 'l barra mill-wirt; (ii) li l-atturi Victor u Mary Grace Psaila ġie mogħti lilhom is-sehem riżervat skont il-liġi; u (iii) li Carmelo u Margherita Psaila ħatru lilhom infushom bħala werrieta ta' xulxin, bis-sostituzzjoni vulgari favur il-konvenut Roderick Psaila u l-attur Emanuel Psaila, f'każ ta' mewt tagħhom it-tnejn.

4. Ikomplu jgħidu li l-attur Emanuel Psaila għażel li jirrinunzja għall-wirt ta' ommu Margherita Psaila, b'nota mressqa fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-27 ta' Settembru, 2021, b'dana iżda li rriżerva għalih innifsu l-jedd li jitlob is-sehem riżervat skont il-liġi.

5. Jisħqu li huma ta' xejn talbu lill-konvenut sabiex iħallashom is-sehem riżervat tagħhom għaliex dan baqa' ma ħallashomx. Minħabba f'hekk, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«(i) Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-atturi jistħoqqilhom is-sehem riżervat fuq l-eredità tal-ġenituri tagħhom Carmelo Psaila u Margherita Psaila, xebba Mizzi;*
>
> *(ii) Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat iħallas dan is-sehem riżervat lill-atturi;*
>
> *(iii) Tillikwida skont il-liġi l-massa ereditarja ta' Carmelo Psaila u Margherita Psaila, xebba Mizzi, occorrendo previa l-opera ta' periti nominandi, għal finijiet tal-kalkolazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-atturi u tenut kont allura ta' donazzjonijiet magħmula mit-testaturi, u occorrendo previa dikjarazzjoni dwar il-leżjoni tas-sehem disponibbli tal-eredità;*
>
> *(iv) Tillikwida konsegwenzjalment is-sehem riżervat dovut lil kull wieħed mill-atturi; u*
>
> *(v) tikkundanna lill-attur iħallas is-sehem riżervat kif likwidat lil kull wieħed mill-atturi, bl-imgħax legali skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 4618/2021 kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.»*

6. Il-konvenut Roderick Psaila wieġeb fl-10 ta' Awwissu, 2022 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

> *«1. Illi qabel xejn hemm lok għal korrezzjoni fil-ħames talba fis-sens illi huwa l-konvenut li jrid iħallas is-sehem riżervat;*
>
> *2. Illi, fil-mertu, l-esponent ma jopponix għat-talba biex l-atturi jingħataw is-sehem riżervat lilhom dovut dment illi dan jinħadem skont il-liġi;*
>
> *3. Illi l-esponent kien dejjem dispost illi jħallas dan is-sehem riżervat u kienu l-atturi illi ma qablux mal-komputazzjoni tajba li għamel il-konvenut u għalhekk il-konvenut m'għandux ibati spejjeż ta' dawn il-proċeduri;*
>
> *4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2022 (ara paġna 55 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti talbet lill-avukati tal-partijiet sabiex jippreżentaw nota konġunta, fejn fiha jindikaw il-konsistenza tal-assi u fuq xiex mhumiex qegħdin jaqblu.

8. Din in-nota konġunta, li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Novembru, 2022 (ara paġna 57 tal-atti tal-kawża), kienet tgħid hekk:

> *«Li permezz tagħha, huma qed jiddikjaraw li qed jaqblu li s-segwenti jifformaw parti mill-massa ereditarja meritu tal-kawża, u ċjoè:*
>
> - *Kontijiet bankarji, li l-konsistenza tagħhom għad trid tiġi stabbilita permezz tal-prova mill-istituzzjonijiet bankarji;*
> - *Spejjeż tal-funerali tat-testaturi ammontaw komplessivament għal €4,351.*
>
> *Barra minn hekk, il-kontendenti jaqblu wkoll li l-kontroversja ta' bejniethom tirrigwarda prinċipalment is-segwenti materji, u ċjoè:*
>
> - *Iż-żmien li għandu jitqies għall-valutazzjoni, kif ukoll il-valutazzjoni innifisha, tal-immobbli 13, Carmel House, Triq Santa Tereża, Għaxaq, li ingħata mit-testaturi lill-konvenut b'donazzjoni;*
> - *Jekk il-beni li minnhom it-testaturi iddisponew b'legati għandhomx jitqiesu għal finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riżervat u l-valur rispettiv tagħhom.»*

9. Fis-27 ta' Ġunju, 2023 (ara paġna 106 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti vverbalizzat li għalissa kienet ħa tħalli l-kawża sabiex tingħata sentenza dwar iż-żmien li fuqu għandu jinħadem il-valur tal-ġid immobbli ta' Ħal Għaxaq, li t-testaturi kienu taw b'donazzjoni lill-konvenut Roderick Psaila b'kuntratt tal-4 ta' Ġunju, 2015.

10. Wara li l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet miktuba tagħhom dwar

dan il-punt, l-Ewwel Qorti tat sentenza parzjali fit-12 ta' Ottubru, 2023, li minnha sar l-appell tal-lum.

11. F'din is-sentenza parzjali l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-valur tal-post ta' Ħal Għaxaq għandu jinħadem skont il-valur tiegħu fi żmien li saret id-donazzjoni fl-4 ta' Ġunju, 2015. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet hekk kienu dawn:

> *«Rat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar il-punctum temporis li fih għandha tiġi vvalutata d-donazzjoni li saret lill-konvenut tal-fond 13, Carmel House, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq, bil-kuntratt tal-4 ta' Ġunju 2015.*
>
> *B'żewġ testmenti unica charta, il-ġenituri, li kellhom sitt ulied, iddiżereditaw lil tnejn minnhom, u ħallew is-sehem riżervat lill-atturi Victor Psaila u Maria Grazia Psaila. Il-werrieta kienu l-attur Emanuel Psaila, u l-konvenut Roderick Psaila. Emanuel irrinunzja għall-wirt tal-omm u żamm id-dritt għall-porzjoni riżervata.*
>
> *Permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riżervat li jallegaw li jmisshom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, tenut kont tad-donazzjonijiet minnhom magħmula.*
>
> *Il-konvenut ma jopponix għall-ħlas tas-sehem riżervat.*
>
> *Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija prinċipalment dwar il-punctum temporis tal-valutazzjoni li l-ġenituri taw b'donazzjoni lill-konvenut bil-kuntratt tal-4 ta' Ġunju 2015. Il-konvenut isostni li ż-żmien rilevanti huwa d-data tad-donazzjoni. L-atturi jisħqu li ż-żmien rilevanti huwa dak tal-ftuħ tas-suċċessjoni (21.07.2017 tal-missier; 06.03.2021 tal-omm).*
>
> ***Punti ta' liġi***
>
> *Il-mewt ittemm il-kapaċità ġuridika tal-persuna u d-drittijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, ċjoè d-drittijiet personali. Iżda bħala regola ma teqridx id-drittijiet patrimonjali, anzi timponi li dawn jgħaddu għand persuni oħra. Dan isir jew bis-saħħa tal-liġi inkella bis-saħħa tar-rieda tal-persuna permezz tat-testment jew testmenti. L-għarfien tar-rieda testamentarja, jew fi kliem ieħor il-fakultà tal-persuna li tiddisponi kif trid hi minn ġidha wara mewtha, jista' jiġi f'kunflitt mal-ħtieġa li jiġu mħarsa l-aspettattivi suċċessorji tal-qraba tat-testatur. Tant li l-liġi timponi, bħala norma ta' ordni pubbliku, sehem riżervat ossia jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa'*

*ħaj (Art. 615(1) Kod. Ċiv.). Dan is-sehem hu sagrosant, tant li t-testatur ma jistax jgħabbih b'xi piż jew kundizzjoni (Art. 620(1) Kod. Ċiv.).*

*Għalhekk il-wirt huwa maqsum f'parti disponibbli, u f'parti riżervata.*

*Fil-Kodiċi Ċivili, il-leġislatur jibda biex jgħid b'mod ġenerali li s-sehem riżervat jiġi kkalkulat fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun (Art. 620(2). Fl-assi jidħlu d-donazzjonijiet li t-testatur ikun ta matul ħajtu (Art.620(3)). Imbagħad iktar tard jissokta jippreċiża li d-dispożizzjonijiet ta' testment li jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (Art. 647). Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, l-ewwel issir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur wara li jinqatgħu d-djun (Art. 648(a)) (relictum). Imbagħad jiżdiedu, b'kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni (donatum) skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni (Art. 648(b)).*

*Għalhekk kemm il-ġid li jkun hemm fil-mument tal-mewt kif ukoll id-djun jiġu stmati fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Imma d-donazzjonijiet jiġu stmati fid-data ta' meta jsiru.*

*Il-Qorti tista' tieqaf hawn għax il-liġi hija ċara u twieġeb bla ekwivoku ta' xejn għall-kweżit imqanqal mill-partijiet. Però tieħu l-opportunità biex tagħmel ftit riflessjonijiet ta' interess.*

*(1) L-Art. 648(b) preżenti ġie mdaħħal bl-Att XVIII.2004.74. Qabel kien jaqra hekk:*

> *«Imbagħad għandhom jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni, kwantu għall-ħwejjeġ mobbli skont il-valur tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni, u, kwantu għall-ħwejjeġ immobbli skont l-istat tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiż-żmien tal-mewt tad-donatur.»*

*(2) It-tfal u d-dixxendenti għandhom jgħoddu akkont tas-sehem tagħhom, fl-interess tat-tfal u dixxendenti l-oħra li jkunu wkoll werrieta, il-valur ta' dak li jkunu ħadu b'donazzjoni ("kollazzjoni"). Il-kollazzjoni, bħala regola ġenerali, ssir billi jingħadd akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (Art. 931(1)) tenut kont inter alia fil-każ ta' immobbli l-ispejjeż li jkun għamel id-donatarju biex isiru miljoramenti (Art. 932). Art 931(1) ġie sostitwit bl-Att XVIII.2004.99. Qabel kien jgħid li, rigward immobbli, id-donatarju seta' jagħżel jew li jirritorna l-ħaġa inkella jagħtiha valur fiż-żmien tal-kollazzjoni.*

*(3) Il-Kodiċi Ċivili Taljan viġenti jivvaluta d-donazzjonijiet fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni kemm għall-fini ta' kollazzjoni kif ukoll għall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riżervat. (Art. 556, 747 u 750).*

*B'mod ġenerali, fil-liġi tagħna, kuntrarjament għal-liġi Taljana, il-punctum temporis dwar il-valutazzjoni tad-donazzjonijiet ta' immobbli*

> *jvarja skont jekk isirx għall-fini tal-vjolazzjoni ta' sehem riżervat inkella jsirx għall-fini ta' kollazzjoni.»*

12. Fis-17 ta' Ottubru, 2023, l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtihom il-permess jappellaw minn din is-sentenza parzjali. Dan il-permess ġie mogħti lilhom b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2023.

13. L-appell ġie mressaq mill-atturi nhar it-8 ta' Novembru, 2023 u fih talbu għat-tħassir tas-sentenza appellata għaliex isostnu li l-valur tal-post mogħti bid-donazzjoni m'għandux jinħadem skont il-valur tiegħu fil-mument tad-donazzjoni iżda għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

14. Il-konvenut wieġeb għal dan l-appell fit-18 ta' Diċembru, 2023, u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud.

15. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu biex il-konvenut iħallashom ta' dak li jmisshom mis-sehem riżervat tal-wirt tal-ġenituri tagħhom Carmelo

u Margherita Psaila.

17. Jidher li l-partijiet qegħdin jaqblu bejniethom, li l-atturi għandhom tabilħaqq jedd bil-liġi li jirċievu dan is-sehem riżervat. Kemm hu hekk, il-konvenut fit-tieni eċċezzjoni tiegħu jiddikjara li huwa lest li jħallas dan is-sehem riżervat lill-atturi.

18. Jirriżulta li l-partijiet qegħdin jaqblu wkoll li fil-komputazzjoni ta' dan is-sehem riżervat, għandha tiġi meqjusa d-dar numru 13, *Carmel House*, Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq, li l-ġenituri tal-partijiet kienu taw b'donazzjoni lill-konvenut bis-saħħa ta' kuntratt tal-4 ta' Ġunju, 2015.

19. Fejn mhumiex jaqblu l-partijiet huwa dwar il-valur li għandu jingħata lil din id-dar.

20. Min-naħa 'l waħda għandek lill-atturi appellanti li qegħdin isostnu li l-valur ta' din id-dar għandu jinħadem fuq il-valur tad-dar fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom (jiġifieri fil-21 ta' Lulju, 2017 fil-każ ta' Carmelo Psaila u fis-6 ta' Marzu, 2021 fil-każ ta' Margherita Psaila); filwaqt li min-naħa 'l oħra għandek lill-konvenut appellat li qiegħed jargumenta li l-valur tad-dar għandu jinħadem fuq il-valur tagħha fil-mument li din ingħatat b'donazzjoni b'riħet il-kuntratt tal-4 ta' Ġunju, 2015.

21. L-Ewwel Qorti sabet favur it-teżi tal-konvenut għaliex qalet li skont l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ġid mogħti b'donazzjoni għandu jiġi stmat fuq il-valur tiegħu ta' meta saret id-donazzjoni.

22. L-atturi appellanti iżda ma jaqblu xejn ma' din il-fehma tal-Ewwel Qorti u għalhekk huma ressqu dan l-appell tal-lum.

23. Fil-qosor l-aggravju waħdieni tagħhom jikkonsisti fil-fatt li jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li d-donazzjoni, li huwa jkun għamel matul ħajtu, tkun saret bl-iskop li ma jkunx jista' jiġi mħallas is-sehem riżervat dovut lit-tfal tiegħu, allura skonthom il-valur tal-post mogħti b'donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni tad-donatur u mhux fuq il-valur tal-post fil-mument li tkun saret id-donazzjoni.

24. Billi fil-każ tal-lum, l-atturi appellanti qegħdin isostnu li l-ġenituri tagħhom bid-donazzjoni tal-2015 ġabu fix-xejn l-assi tagħhom, sal-punt li ma fadalx biżżejjed assi fil-patrimonju tagħhom biex jagħmel tajjeb għas-sehem riżervat li jmiss lilhom bil-liġi, allura skonthom il-valur tal-post mogħti b'donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom u mhux fil-mument tad-donazzjoni.

25. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li din il-kawża tirrigwarda likwidazzjoni ta' sehem riżervat, wara l-emendi fil-liġi li seħħew bl-**Att Numru XVIII tal-2004** fil-qasam tas-suċċessjoni. Billi l-ġenituri tal-partijiet f'dan il-każ mietu wara d-dħul fis-seħħ tal-emendi fuq imsemmija, allura għal din il-kawża skont l-**Artikolu 116(2) tal-Att XVIII tal-2004** tgħodd il-liġi fis-seħħ illum u mhux dik ta' qabel l-emendi (ara ***Christopher Brincat et v. Emanuela Caruana*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' April, 2017).

26. Illi bħala regola ġenerali skont l-**Artikolu 614(1) tal-Kodiċi Ċivili**, it-testatur li ma jkollux dixxendenti u li ma jkunx miżżewweġ huwa ħieles li jiddisponi minn ħwejġu kollha kif irid. Jekk iżda t-testatur ikollu dixxendenti u/jew ikun miżżewweġ, allura dan huwa obbligat bil-liġi li jħallilhom xi ħaġa mill-ġid tiegħu (ara **Artikolu 614(2) tal-Kodiċi Ċivili**).

27. F'qagħda bħal din, il-liġi għalhekk taqsam il-ġid tat-testatur f'żewġ partijiet, *viz*. il-parti disponibbli, li t-testatur jista' jagħmel biha li jrid; u l-parti indisponibbli li t-testatur ma jistax jiddisponi minnha għaliex hija riżervata għal ħaddieħor (ara ***Orazio sive Grazio Cutajar v. Emmanuele Cutajar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003).

28. Din il-parti hekk imsejħa indisponibbli, li qabel l-emendi tal-2004 kienet magħrufa bħala l-leġittima, illum saret tissejjaħ bħala s-sehem

riżervat. Skont l-**Artikolu 615(1) tal-Kodiċi Ċivili** dan is-sehem riżervat jinsab imfisser bħala dak il-jedd fuq il-ġid tal-mejjet li huwa riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew mir-raġel jibqa' ħaj.

29. Il-każ tagħna jikkonċerna biss is-sehem riżervat tad-dixxendenti, peress li ż-żewġ ġenituri tal-partijiet huma mejta.

30. Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz (1/3) tal-valur tal-ġid, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa fl-għadd, jew nofs (1/2) ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed (ara **Artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu (ara **Artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili**). Ifisser dan, li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat (ara **Artikolu 618(1) tal-Kodiċi Ċivili** u ***Michael Buhagiar v. Margaret Hampton pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2015).

31. Bil-miġja tal-emendi tal-2004, il-liġi bdiet tqis dan is-sehem riżervat bħala jedd ta' kreditu fuq il-ġid tal-mejjet (ara **Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili**) u mhux aktar bħala sehem mill-wirt.

32. Illi dan is-sehem riżervat mogħti bil-liġi jibqa' mhux mittiefes minkejja li t-testatur jista' jkun għamel fit-testment tiegħu dispożizzjonijiet b'titolu partikolari (i.e. b'legat) li jnaqqru minn dik il-parti tal-ġid tal-wirt li hija merfugħa biex tagħmel tajjeb għas-sehem riżervat (ara ***Carmel Grima et v. Saviour Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Lulju, 2021). Kemm hu hekk, biex wieħed jiddetermina jekk it-testatur ikunx fit-testment tiegħu ddispona aktar minn dak li seta' jiddisponi minnu, il-liġi trid li għandu jsir dak li fil-ġurisprudenza tagħna tissejjaħ «*ir-rijunjoni fittizja*» (ara ***Concetta Vella et v. Giuseppe Bugeja et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 1973).

33. F'dan l-eżercizzju tar-rijunjoni fittizja jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu u dik il-parti li ma setax jiddisponi minnha (ara ***L-Avukat Dr Chris Said nomine et v. Mary Abela pro et noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010), biex minn hemm wieħed jara jekk it-testatur ikunx xellef is-sehem riżervat jew le.

34. Il-liġi nnifisha tgħid x'għandu jiddaħħal f'tali eżerċizzju tar-rijunjoni fittizja. Dan is-sehem riżervat jinħadem fuq l-assi kollha tal-mejjet, magħdud magħhom dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb taż-żwieġ (ara **Artikolu 620(3) tal-Kodiċi Ċivili**), u dan wara li jitnaqqsu kemm id-djun u l-ispejjeż tal-funeral (ara **Artikolu 620(2) tal-Kodiċi Ċivili**), kif ukoll dak il-ġid li d-dixxendent li qed jitlob s-sehem

riżervat ikun irċieva b'donazzjoni mingħand il-mejjet direttament jew indirettament (ara **Artikolu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili**).

35. Issa biex wieħed jgħarbel jekk it-testatur ikunx iddispona aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu wieħed irid jimxi mar-regoli msemmija fl-**Artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili** li jaqra hekk:

> *«648. Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:*
>
> *(a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;*
>
> *(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;*
>
> *(ċ) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639.»*

36. Minn dawn ir-regoli l-Qorti tista' tislet dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet: (i) li l-valur tal-ġid li jkun jinsab fil-patrimonju tal-mejjet fiż-żmien tal-mewt tiegħu għandu jinħadem fuq il-valur tiegħu fiż-żmien tal-mewt; filwaqt (ii) li fil-każ ta' ġid mogħti b'donazzjoni mit-testatur, dak il-ġid għandu jiġi kkalkulat fl-eżerċiżżju tar-rijunjoni fittizja skont il-valur tiegħu fil-mument tad-donazzjoni.

37. Interessanti li qabel l-emendi tal-2004, l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** kien jiddisponi mod ieħor dwar kif kellhom jiġu stmati d-donazzjonijiet tat-testatur. Fil-fatt dan l-artikolu qabel l-emendi tal-2004

kien jgħid li l-valur ta’ ħwejjeġ mobbli mogħtija b’donazzjoni kellhom jiġu stmati skont il-valur tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni, filwaqt li donazzjonijiet ta’ ħwejjeġ immobbli kellhom jiġu stmati bil-valur tagħhom fiż-żmien tal-mewt tad-donatur iżda skont l-istat li dawk il-ħwejjeġ immobbli kienu jinsabu fih fiż-żmien tad-donazzjoni.

38. Illum il-liġi ma tagħmilx aktar distinzjoni bejn ħwejjeġ mobbli u ħwejjeġ immobbli u tagħmilha ċara li kull donazzjoni għandha tiġi stmata skont il-valur tal-ġid donat dakinhar tad-donazzjoni.

39. F’dan il-kuntest huwa minnu li hemm ġurisprudenza stabbilita li tgħid li sabiex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta’ jiddisponi minnu, trid tqis il-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt; u jekk iżda ssib illi t-testatur tassew iddispona minn aktar mis-sehem disponibbli, il-kreditu tas-sehem riżervat għandu jinħadem fuq il-valur tal-ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni minħabba li bejn iż-żmien tal-ftuħ tal-wirt u ż-żmien tal-ħlas tas-sehem riżervat, jaf jikber jew jiċkien il-valur tal-assi tal-wirt (ara ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Marzu, 2020).

40. Biss però din ir-regola tgħodd biss dwar dawk l-assi li jkunu għadhom fil-patrominju tal-mejjet dakinhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu u mhux ukoll dwar l-assi mogħtija b’donazzjoni li ma jkunux għadhom

aktar fil-patrimonju tal-mejjet. Tassew la għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja biex jiġi stabbilit jekk it-testatur xellifx is-sehem riżervat, il-liġi trid li d-donazzjonijiet għandhom jiġu stmati skont il-valur tagħhom, allura jagħmel sens li anke għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat, il-valur tad-donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tad-donazzjoni u mhux fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat.

41. Qabel l-emendi tal-2004 kien forsi jagħmel sens li l-likwidazzjoni tas-sehem riżervat jinħadem fuq il-valur tal-oġġett donat dakinhar tal-likwidazzjoni. Dan għaliex sa qabel l-emendi, l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** kien jgħid li għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja, il-valur tal-oġġett immobbli mogħti b'donazzjoni kellu jinħadem skont il-valur tiegħu fil-mument tal-mewt tad-donatur u għalhekk il-benefiċjarju tas-sehem riżervat kien ħaqqu jirċievi ż-żieda fil-valur tal-immobbli bejn iż-żmien li għadda mill-mewt tad-donatur sa meta ġie likwidat is-sehem riżervat tiegħu. Illum iżda din il-pożizzjoni ma tagħmilx aktar sens ladarba tajjeb jew ħażin, il-leġislatur dehrlu li jbiddel l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex il-valur tad-donazzjoni għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja jibda jinħadem fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tad-donazzjoni tiegħu.

42. Din kienet il-fehma wkoll tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmelo sive Charles Calleja et v. Saviour Grima*** deċiża fil-21 ta' Lulju, 2021, li

l-atturi appellanti għoġobhom isemmu fir-rikors tal-appell tagħhom. Fil-fatt din is-sentenza tmur eżattament kontra dak li l-atturi appellanti qegħdin isostnu fl-appell tagħhom għaliex f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ma biddlitx il-poiżizzjoni li kienet ħadet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha sa fejn kienet qalet illi l-valur tad-donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tal-ġid dakinhar tad-donazzjoni.

43. F'dan is-sens ukoll, għalhekk din il-Qorti kif impoġġija qiegħda titbiegħed minn dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Phyllis Fenech et v. George Cutajar et*** deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023, li donnha ma qabditx sew l-effetti tal-emendi tal-2004 li saru fuq l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex hija rreferiet għal awturi Taljani u għal sentenzi Maltin li jirreferu għal xenarju legali għalkollox differenti minn kif inhu llum fl-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili**, wara l-emendi tal-2004.

44. Lura għall-każ tagħna, jirriżulta li l-appell tal-lum għandu x'jasqam biss mad-donazzjoni tad-dar li l-ġenituri tal-partijiet taw lill-konvenut, waqt li huma kienu għadhom ħajjin. F'dan ir-rigward, l-atturi appellanti jsostnu fl-appell tagħhom li minħabba din id-donazzjoni huma ġew f'sitwazzjoni li ma jistgħux jirċievu dak li jmiss lilhom bħala sehem riżervat mill-ġid tal-ġenituri tagħhom.

45. M'hemmx għalfejn ngħidu li s-sehem riżervat jista' jiġi mxellef mill-

mejjet mhux biss meta fit-testment tiegħu huwa jkun ħalla legati, li magħduda flimkien, ikunu jaqbzu l-porzjon li huwa seta' jiddisponi minnu b'mod ħieles, iżda s-sehem riżervat jista' jiġi mxellef ukoll jekk il-mejjet matul ħajtu jkun ta donazzjonijiet li jkunu qabżu l-parti li seta' jiddisponi minnha.

46. L-**Artikolu 1813 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid f'dan ir-rigward li jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li d-donazzjoni tkun qabżet is-sehem li d-donatur seta' jiddisponi minnu skont l-**Artikolu 614 tal-Kodiċi Ċivili**, allura dik id-donazzjoni għandha tiġi mnaqqsa sa dak is-sehem li d-donatur seta' jiddisponi.

47. Skont l-**Artikolu 1814 tal-Kodiċi Ċivili**, «*Ir-regoli miġjubin fl-artikolu 621 u* ***fl-artikolu 647 u fl-artikoli ta' warajh*** *dwar it-tnaqqis ta' dispożizzjonijiet ta' testment, għandhom jitħarsu wkoll dwar it-tnaqqis ta' donazzjonijiet.*»

48. Illi r-regola tal-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** fuq imsemmija, *viz.* li d-donazzjoni għandha tiġi stmata skont il-valur tal-oġġett fil-mument tad-donazzjoni, tiġi minnufih wara l-**Artikolu 647 tal-Kodiċi Ċivili**. Għalhekk skont l-**Artikolu 1814 tal-Kodiċi Ċivili** fuq riprodott, ir-regola dwar il-valur tad-donazzjoni msemmija fl-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** tapplika wkoll f'każ bħal dak tal-lum fejn l-atturi qegħdin jallegaw li

bid-donazzjoni tal-4 ta' Ġunju, 2015, il-ġenituri tagħhom xellfu s-sehem riżervat li jmiss lilhom bil-liġi.

49. Kif qalet tajjeb ħafna l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata l-liġi hija ċara ħafna u twieġeb bla ekwivoku ta' xejn għall-problema li nqalgħet bejn il-partijiet. Tassew il-liġi kif fuq imfisser fl-**Artikoli 614, 620, 648, 1813** u **1814 tal-Kodiċi Ċivili** trid li kemm fl-eżerċizzju ta' tnaqqis tad-dispożizzjonijiet testamentarji, kif ukoll fit-tnaqqis ta' donazzjonijiet, id-donazzjonijiet magħmula mill-mejjet għandhom jiġi meqjusa skont il-valur tal-oġġett dakinhar li tkun saret id-donazzjoni.

50. Meta l-kliem tal-liġi huma ċari u jiftiehmu, allura mhux imħolli li jkun hemm interpretazzjonijiet tal-liġi li jmorru lil hemm mill-istess kliem tal-liġi, bħalma lanqas ma għandhom ikunu prospettati teoriji mistħajla ta' fejn il-kliem tal-liġi jistgħu jwasslu jew ma jwasslux (ara ***Sullivan Shipping Agencies Ltd v. Ernest Sullivan nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, 2006). Dan hu hekk għaliex il-qorti hija marbuta li tapplika l-liġi kif inhi u mhux kif jidhrilha li għandha tkun (ara ***Joseph Abela et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2018 u ***Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jananr, 2017).

51. Li kieku l-leġislatur ried li għall-għanijiet ta' komputazzjoni tas-

sehem riżervat, id-donazzjoni magħmula mill-mejjet kellha tinħadem fuq il-valur tal-oġġett fil-mument tal-mewt tad-donatur, kif hekk qed isostnu l-atturi appellanti, allura l-leġislatur kien jaqbad u jgħid hekk bħalma nsibu fl-**Artikoli 931** u **932 tal-Kodiċi Ċivili,** li jgħidu li għall-għanijiet ta' kollazzjoni[1] l-valur tal-ġid mogħti b'donazzjoni għandu jiġi stmat skont il-valur fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż li d-donatarju jkun għamel biex ġab dak il-ġid donat lilu aħjar milli kien.

52. Il-leġislatur Malti iżda mhux talli ma daħħalx regola bħal din fil-każ ta' vjolazzjoni tas-sehem riżervat, iżda talli l-leġislatur fl-2004 saħansitra emenda l-**Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex jippreċiża li għall-għanijiet ta' kalkolu ħalli jiġi mistħarreġ jekk is-sehem riżervat ġiex imxellef jew le, id-donazzjoni għandha tiġi stmata skont il-valur tal-oġġett fil-mument tad-donazzjoni.

53. Qalet sew għalhekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li fil-każ tal-lum, il-valur tad-dar numru 13, *Carmel House*, fi Triq Santa Tereża, Ħal Għaxaq għandu jiġi stmat skont il-valur tiegħu fiż-żmien li saret id-donazzjoni fl-4 ta' Ġunju, 2015.

54. L-aggravju tal-atturi appellanti għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

---

[1] Il-kollazzjoni hija r-regola li nsibu fl-**Artikolu 913(1) tal-Kodiċi Ċivili** li trid li tfal u d-dixxendenti biss, li jiġu għall-wirt ta' axxendent, sew b'testment kemm *ab intestato*, għandhom jgħoddu akkont tas-sehem tagħhom, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-oħra, li jkunu wkoll werrieta, il-valur ta' dak kollu li jkunu ħadu b'donazzjoni mingħand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona xort'oħra.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell imressaq mill-atturi.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali kif qalet l-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi.

L-atti tal-kawża għandhom jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss